IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.2.2013
COM(2013) 42 final

2013/0023 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI

{SWD(2013) 19 final}
{SWD(2013) 20 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Il-kuntest ġenerali

L-iffalsifikar tal-euro u muniti oħra jibqa' ta' tħassib madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Huwa ta' importanza fundamentali li jiġu żgurati l-fiduċja u l-kunfidenza fl-awtentiċità tal-karti u l-muniti għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Flus foloz huma ta' ħsara għaċ-ċittadini u n-negozji li mhumiex rimborżati għal flus foloz, anke jekk dawn ikunu waslulhom b'rieda tajba. Dawn inaqqsu wkoll l-aċċettabilità ta' karti tal-flus u muniti.

L-iffalsifikar tal-euro huwa ta' tħassib partikolari minħabba l-importanza tal-euro. L-euro hija l-munita unika li tintuża minn 17-il Stat Membru taż-żona tal-euro u jużawha t-330 miljun persuna li jgħixu f'din iż-żona. Hija tintuża wkoll fi skala kbira fi transazzjonijiet kummerċjali internazzjonali u sservi bħala munita ta' riżerva importanti għal pajjiżi terzi. Il-valur tal-karti tal-euro li qegħdin jiċċirkolaw mad-dinja kollha, jiġifieri kważi EUR 913 biljun f'Jannar 2013, huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dak ta' karti ta' dollari Amerikani. Madwar kwart ta' dak il-valur jiċċirkola barra ż-żona tal-euro, notevolment fir-reġjuni ġirien[1]. Illum l-euro hija t-tieni munita internazzjonali l-aktar importanti mad-dinja kollha.

L-euro tibqa' fil-mira ta' gruppi kriminali organizzati attivi fl-iffalsifikar tal-flus. L-iffalsifikar tal-euro wassal għal ħsara finanzjarja ta' mill-inqas EUR 500 miljun sa mill-introduzzjoni tal-euro fl-2002. Dejta mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) turi quċċati fl-għadd ta' karti tal-flus foloz matul il-perjodu bejn l-2009 u l-2010 u żewġ quċċati oħrajn fit-tieni nofs tal-2011[2] u tal-2012[3]. Il-BĊE innota żieda ta' 11,6% fir-rigward tal-kwantità rkuprata fit-tieni nofs tal-2012 meta mqabbla max-xhur preċedenti. Ir-Rapport Annwali 2011[4] taċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) jindika sejbiet kontinwi ta' tipi ġodda ta' muniti tal-euro foloz u żieda qawwija fin-numru ta' muniti ffalsifikati sofistikati. L-Europol iqis li hemm xejra fit-tul lejn żieda fil-livell tal-kriminalità u jinnota li t-theddid kriminali jibqa' wieħed serju[5]. Il-valutazzjoni tal-Europol hija kkonfermata minn qabdiet kbar riċenti ta' karti u muniti tal-euro foloz u miż-żarmar kontinwu ta' stamperiji u zekek illegali kull sena[6].

Dawn l-iżviluppi juru li l-miżuri eżistenti kontra l-iffalsifikar ma laħqux il-livell meħtieġ ta' dissważjoni u għaldaqstant hemm bżonn li jittejjeb il-ħarsien mill-iffalsifikar. B'mod partikolari, jeżistu differenzi konsiderevoli fir-rigward tal-livelli ta' sanzjonijiet li huma applikabbli fl-Istati Membri għall-forom ewlenin tal-iffalsifikar, jiġifieri l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' flus foloz[7]. Filwaqt li l-livell minimu ta' piena massima għall-produzzjoni ta' flus foloz ġie armonizzat fis-sena 2000 għal tmien snin priġunerija, is-sitwazzjoni dwar il-

---

1 Ara Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), http://www.ecb.int/press/key/date/2013/html/sp130110.en.html.

2 Rapport annwali tal-BĊE 2011.

3 Stqarrija għall-istampa tal-BĊE tal-10 ta' Jannar 2013, http://www.ecb.int/press/PR/data/2013/html/pr130110 2.mt.html.

4 Il-Protezzjoni tal-Muniti tal-Euro fl-2011. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-iffalsifikar tal-muniti tal-euro u l-attivitajiet taċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) ibbażati fuq l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 4290 tad-29 ta' Ottubru 2004.

5 Il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata 2011 (OCTA 2011).

6 Ara, pereżempju, l-istqarrijiet għall-istampa tal-Europol tat-13 ta' Diċembru 2011, il-15 u d-29 ta' Ġunju 2012, it-13 ta' Awwissu 2012, id-9 ta' Diċembru 2012, https://www.europol.europa.eu/latest_press_releases.

7 L-Anness 6 tal-valutazzjoni tal-impatt, it-tabella bis-sanzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri sa April 2011 tal-kumpanija Ġermaniża Bundesbank.

livell minimu ta' sanzjonijiet għall-iffalsifikar ta' munità hija differenti. Ma hemm l-ebda sanzjonijiet minimi fis-seħħ f'xi Stati Membri jew inkella d-dispożizzjonijiet legali jipprevedu biss multi, filwaqt li s-sanzjoni minima f'oħrajn titla' sa għaxar snin priġunerija. Dawn id-differenzi jfixklu l-infurzar transkonfinali tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja[8]. Barra minn hekk, id-dejta miġbura fil-qafas ta' studju tal-Grupp ta' Esperti Ewropej dwar l-Iffalsifikar[9] tindika li nstab għadd kbir ta' stamperiji illegali matul dawn l-aħħar disa' snin f'dawk l-Istati Membri li ma għandhom l-ebda sanzjonijiet minimi fis-seħħ jew għandhom biss multi għall-iffalsifikar monetarju bħala s-sanzjonijiet minimi tagħhom li jissuġġerixxi li l-falsifikaturi jinqdew bil-forum shopping. Fl-aħħarnett, in-nuqqas attwali ta' livell minimu u livell massimu ta' sanzjonijiet għal reati ta' distribuzzjoni jikkostitwixxi theddida perikoluża fir-rigward tad-distribuzzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' karti tal-flus foloz magħmula f'pajjiżi terzi, kif ġie muri permezz tal-għadd konsiderevoli ta' stamperiji żarmati f'pajjiżi terzi (eż. l-Kolombja u l-Perù) u l-qbid relatat ta' ammonti kbar ta' euros foloz u muniti oħrajn lesti biex jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea jew distribwiti fi ħdanha. Għalhekk jista' jiġi konkluż li d-daqs attwali tad-differenzi fis-sistemi ta' sanzjonijiet tal-Istati Membri għandhom impatt negattiv fuq il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra mill-iffalsifikar permezz ta' miżuri tal-liġi kriminali.

Il-livell attwali tas-sanzjonijiet huwa wieħed mir-raġunijiet għal deterrenza insufiċjenti u protezzjoni irregolari madwar l-Unjoni Ewropea kollha tal-munita tagħha. Il-livell massimu għal sanzjonijiet kriminali jikkostitwixxi għodda waħda għall-prosekuturi u l-imħallfin biex jiddeterminaw is-sanzjonijiet li jridu jiġu imposti fuq il-kriminal, iżda din tibqa' inkompluta mingħajr l-issettjar ta' livell minimu fiss. Minħabba li fil-prattika l-istandard minimu għall-piena massima huwa rarament impost, piena minima tista' titqies bħala aktar disswassiva u ta' valur prattiku kbir għall-ħarsien tal-euro. Għal dawk li jkollhom it-tentazzjoni li jiffalsifikaw l-euro, se jkun l-għarfien tas-sanzjonijiet possibbli li se jiskoraġġihom; id-differenza bejn li wieħed jiġi kkundannat għal priġunerija għal ċertu żmien minimu minflok jingħata multa, pereżempju, hija ovvja. Għaldaqstant, is-sanzjonijiet minimi jikkontribwixxu għal sistema wiesgħa tal-UE konsistenti għall-ħarsien tal-euro.

L-euro hija l-munita unika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja stabbilita mill-Unjoni Ewropea. Għalhekk l-euro hija tassew "prodott" Ewropew komuni li għandu jiġi mħares b'mod konsistenti madwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi jiġi stabbilit livell minimu ta' piena għal każijiet serji ta' reati ta' produzzjoni u distribuzzjoni.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-ħarsien komprensiv tal-euro u jikkumbattu r-reati kontra l-euro fuq bażi komuni. Wara il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin tal-Iffalsifikar tal-Munita ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra")[10] u il-prinċipju ta 'non-diskriminazzjoni ta' muniti oħra previsti fl-Artikolu 5, il-muniti kollha se jgawdu minn din iż-żieda fil-protezzjoni tal-euro.

---

8 Ara t-Taqsima 3.2.1.3 tal-Valutazzjoni tal-impatt u l-Anness 3 tagħha.

9 L-istudju ffoka fuq il-15-il Stat Membru li ġejjin: Il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi.

10 No 2623, p. 372. Serje ta' Trattati tal-Lega tan-Nazzjonijiet 1931. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata minn 26 Stat Membru tal-UE. Malta (għadha) ma rratifikathiex.

1.2. Il-kuntest legali

1.2.1. Il-liġi kriminali

Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tistipula regoli li jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu imposti pieni kriminali iebsa u sanzjonijiet oħrajn għal reati ta' ffalsifikar. Din tħaddan fiha wkoll regoli dwar il-ġurisdizzjoni u l-kooperazzjoni. Minn mindu ġiet irratifikata l-Konvenzjoni ta' Ġinevra li fuqha kien hemm qbil fl-20 ta' April 1929, intlaħaq ċertu livell ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kontra l-iffalsifikar tal-munità.

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar in konnessjoni mad-dħul tal-euro[11] għandha l-għan li tissupplimenta, fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1929. Hija tidentifika prattiki li għandhom jiġu kkunsidrati bħala kastigabbli, minbarra l-att attwali tal-falsifikazzjoni, bħad-distribuzzjoni. Għal dawn ir-reati, id-Deċiżjoni Kwadru teħtieġ pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Barra dan, fiha dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u dwar ir-responsabilità ta' persuni ġuridiċi. Id-Deċiżjoni Kwadru ġiet emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/888/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001[12], li introduċiet dispożizzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kundanni bl-għan li jiġu rikonoxxuti "reati ripetuti".

L-Istati Membri kienu obbligati li jittrasponu d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI sad-29 ta' Mejju 2001 u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/888/ĠAI sal-31 ta' Diċembru 2002. Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tagħhom fi tliet rapporti[13]. Minkejja l-iżvilupp tal-acquis tal-UE f'dan il-qasam, ċerti nuqqasijiet qed isiru viżibbli. Għalkemm l-Istati Membri kollha, għajr għal xi eċċezzjonijiet żgħar, implimentaw formalment id-Deċiżjoni Kwadru b'mod korrett, l-Istati Membri adottaw regoli diverġenti u konsegwentement sikwit adottaw livelli diverġenti ta' protezzjoni u prassi fi ħdan is-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

1.2.2. Dispożizzjonijiet tal-Unjoni ulterjuri f'dan il-qasam

Id-Deċiżjoni Kwadru hija parti minn qafas legali komprensiv li jikkonsisti anke f'miżuri amministrattivi u ta' taħriġ:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro[14]. Huwa jobbliga lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jiżguraw sanzjonijiet adegwati kontra l-frodi u l-iffalsifikar tal-karti u muniti tal-euro;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro[15], aġġornat permezz tar-Regolament tal-Kunsill 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008[16]. Huwa jirregola kif il-karti u l-muniti tal-euro jistgħu jiddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni b'tali mod li jkunu protetti kontra l-iffalsifikar. Barra minn hekk, kwistjonijiet bħall-aċċess u l-ġbir ta' dejta teknika u statistika

---

11 ĠU L 140 tal-14 ta' Ġunju 2000, p. 1.
12 ĠU L 329 tal-14 ta' Diċembru 2001, p. 3.
13 L-ewwel rapport adottat f'Diċembru 2001, COM (2001) 771 finali; It-tieni rapport f'Settembru 2003, COM (2003) 532 finali; it-tielet rapport f'Settembru 2007, COM (2007) 524 finali.
14 ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.
15 ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.
16 ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1.

dwar karti u muniti foloz, l-eżaminazzjoni ta' karti tal-flus u ta' muniti foloz miċ-Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali u l-obbligi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċ-ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali huma indirizzati. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001 tat-28 ta' Ġunju 2011[17] jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom.

- Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2010/14)[18];
- Ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni[19];
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro[20], emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008[21];
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/511/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni, permezz tan-nomina tal-Europol bħala l-Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro[22];
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bl-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja[23] billi tistimola u ttejjeb l-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istati Membri wkoll fil-qasam tal-iffalsifikar tal-euro;
- Azzjonijiet immirati lejn l-iskambju, l-għajnuna u t-taħriġ ta' aġenti tal-infurzar tal-liġi biex jistabbilixxu rabtiet professjonali eqreb għal ġlieda aktar effiċjenti kontra l-falsifikazzjoni tal-euro huma ffinanzjati mill-Unjoni permezz tal-programm Pericles, li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001[24].

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet interessati f'għadd ta' okkażjonijiet.

Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati bdiet waqt it-58 laqgħa tal-Grupi ta' Esperti

---

17 ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11.
18 ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1.
19 ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1.
20 ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.
21 ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5.
22 ĠU L 185, 17.7.2005, p. 35.
23 ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.
24 ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50. Għal aġġornament dwar il-programm, ara l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (COM(2011)0913) finali.

dwar l-Iffalsifikar tal-Euro[25] (ECEG) li saret fl-10 ta' Novembru 2011 u kompliet matul laqgħat sussegwenti tal-ECEG. Esperti u speċjalisti[26] kienu ikkonsultati ulterjurment matul il-Konferenza tal-Aja li ttellgħet bejn it-23 u l-25 ta' Novembru 2011. Fl-20 ta' Diċembru 2011 ntbagħat kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru lill-Istati Membri. Ir-riżultati tal-kwestjonarju u triq 'il quddiem possibbli ġew diskussi matul id-59 laqgħa tal-ECEG fl-14 ta' Marzu u fis-60 laqgħa fit-13 ta' Ġunju 2012. Il-BĊE u l-Europol ħadu sehem f'dan il-proċess u pprovdew il-kontribut tagħhom, anke permezz ta' kontribuzzjonijiet diretti lill-Kummissjoni.

Minn din il-konsultazzjoni jista' jiġi konkluż li l-partijiet interessati jqisu li huwa neċessarju li jiġi pprovdut valur miżjud lill-prattikanti għall-ħarsien tal-euro u muniti oħra permezz ta' miżuri tal-liġi kriminali. Waslu żewġ proposti konkreti fir-rigward tat-titjib tal-liġi kriminali proċedurali: proposta waħda biex it-tekniki investigattivi, bħall-konsenja kkontrollata jiġu allinjati, aġenti sigrieti; u proposta oħra għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jibagħtu kampjuni tal-flus foloz sekwestrati għal analiżi teknika bl-iskop li jiġu skoperti aktar flus foloz fiċ-ċirkolazzjoni.

Il-BĊE esprima appoġġ qawwi għat-tisħiħ tal-qafas tal-liġi kriminali, partikolarment permezz tat-tisħiħ u l-armonizzazzjoni tal-pieni u anke billi jiġu stabbiliti standards għal pieni minimi.

2.2. Il-Valutazzjoni tal-Impatt

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi ta' politika, filwaqt li qieset il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati. Wara li kkunsidrat l-għażliet possibbli, l-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li s-soluzzjoni preferuta hija din li ġejja :

- iż-żamma tal-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI fi proposta ġdida, b'modifiki żgħar u b'kunsiderazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona;
- il-modifika tad-dispożizzjonijiet dwar il-pieni billi tiddaħħal piena minima ta' sitt xhur għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' flus foloz u piena massima ta' mill-inqas tmien snin għad-distribuzzjoni;
- l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni ġdida li tobbliga lill-Istati Membri jipprevedu għall-possibbiltà li jintużaw ċerti għodod investigattivi;
- l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni ġdida li tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali u ċ-Ċentri għall-Analiżi tal-Munita Nazzjonali jkunu jistgħu janalizzaw ukoll flus foloz tal-euro anke waqt li jkunu għaddejjin proċedimenti ġudizzjarji bl-iskop li jinstabu aktar flus foloz.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Il-bażi ġuridika

Ir-responsabbiltà tal-UE li tistabbilixxi "regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi ta' dimensjoni transkonfinali li

---

25 L-ECEG hija pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001 u huwa kompost minn esperti mill-Istati Membri, il-BĊE, l-Europol u l-OLAF/ETSC.

26 Rappreżentanti mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-banek ċentrali u z-zekek.

jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni" hija stipulata fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-iffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas hija msemmija espliċitament fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 83 tat-TFUE bħala qasam ta' reati partikolarment serju.

3.2. Is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

Huwa meqjus li hemm il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE li tkun imsejsa fuq il-fatturi li ġejjin:

L-iffalsifikar tal-euro joħloq problema ġenwina lill-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, lill-istituzzjonijiet finanzjarji u l-impriżi. Il-fatt li l-euro hija l-munita unika taż-żona tal-euro jimplika li r-reat tal-iffalsifikar tal-euro jeħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala li jikkawża l-istess ħsara kullimkien fiż-żona tal-euro irrispettivament minn fejn jitwettaq. Din id-dimensjoni pan-Ewropea teħtieġ ġlieda simili kontra l-iffalsifikar u teħtieġ li l-kriminali jaffaċċjaw pieni ekwivalenti, ikun fejn ikun fl-Unjoni Ewropea li twettaq ir-reat.

Din il-pożizzjoni partikolari tal-euro, li hija l-munita unika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja stabbilita mill-Unjoni Ewropea u għalhekk “prodott” verament Ewropew, teħtieġ li l-protezzjoni tagħha tiġi żgurata fil-livell tal-UE. Fiha nnifisha, hija saħansitra aktar "iċċentrata fl-Unjoni" minn xi qasam soġġett għall-armonizzazzjoni tar-regoli fl-Istati Membri.

L-UE biss tinsab f'pożizzjoni li tiżviluppa leġiżlazzjoni vinkolanti b'effett madwar l-Istati Membri kollha, u għalhekk li toħloq qafas legali li jikkontribwixxi biex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-sitwazzjoni preżenti.

Skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, ma għandha ssir l-ebda distinzjoni fl-iskala tal-kastig bejn atti li jkollhom x’jaqsmu mal-munita domestika fuq naħa u munita barranija fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, iż-żieda fil-protezzjoni tal-euro għandha tiġi estiża għall-muniti kollha.

Il-pieni proposti huma proporzjonati għall-gravità tar-reati u l-impatt konsiderevoli tal-iffalsifikar tal-euro u muniti oħra fuq iċ-ċittadini u n-negozji. Dawn huma f'konformità mal-pieni previsti attwalment fil-liġi tal-maġġoranza tal-Istati Membri. Peress li bosta Stati Membri diġà jipprevedu l-kunċett ta' pieni minimi, huwa xieraq u konsistenti li l-kunċett ta' pieni minimi jintuża fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jiġi garantit li s-severità tal-pieni ma tkunx sproporzjonata għar-reat, qed tiġi proposta salvagwardja speċifika għal każijiet ta' ammonti iżgħar ta' flus foloz, jiġifieri livell wieħed inqas mil-limitu li taħtu tista’ tiġi imposta piena ta’ priġunerija u livell ieħor li taħtu tista’ tiġi imposta multa, sakemm il-każ ma jkunx jippreżenta ċirkustanzi partikolarment serji. Dan pereżempju jista’ jkun il-każ fejn il-flus iffalsifikati jiġu skoperti f'ċirkostanzi li jkunu jissuġġerixxu b’mod ċar li ġew prodotti jew li kellhom jiġu prodotti ammonti akbar. Il-livelli magħżula għandhom ikunu għolja biżżejjed biex iqisu każijiet minuri, iżda fl-istess ħin baxxi biżżejjed sabiex jiggarantixxu effett deterrenti tas-sanzjoni u sabiex iqisu l-importanza tal-ġenwinità tal-karti tal-flus u l-muniti u l-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fihom.

Din id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom, l-iskala tal-pieni previsti fl-Artikolu 5, u ma jinżlux taħt il-livelli minimi mitluba. Madankollu, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-applikazzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi skont iċ-ċirkostanzi konkreti jibqgħu applikabbli. Dan jinkludi regoli ġenerali dwar l-applikazzjoni ta’ sentenzi għall-minorenni, f’każijiet ta’ tentattiv, għal parteċipazzjoni ta’ appoġġ biss jew meta min iwettaq ir-reat jikkontribwixxi biex jinkixfu jew jiġu prevenuti reati serji. Fir-rigward tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi, jibqgħu japplikaw prinċipji ġenerali bħal pereżempju għal sentenza sospiża ta’ priġunerija, alternattivi għall-priġunerija (sorveljanza

elettronika) jew tmiem antiċipat tal-priġunerija. F'każijiet individwali, il-qrati se jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom billi jqisu ċ-ċirkustanzi aggravanti u attenwanti kollha fi ħdan il-qafas legali applikabbli.

Kwalunkwe miżura tal-liġi kriminali proposta ġiet evalwata u mfassla fid-dawl tal-effetti possibbli tagħha fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

Il-proposta hija rilevanti għad-drittijiet u l-prinċipji tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem il-Karta) li ġejjin: id-dritt għal-libertà u l-ħajja tal-familja (bil-possibbiltà ta' priġunerija għal min jinstab ħati), il-libertà li wieħed jagħżel impjieg u jmexxi negozju (bil-possibbiltà ta' skwalifika għal min jinstab ħati), id-dritt għall-proprjetà (bil-possibbiltà li jitwaqqfu n-negozji li jkunu kkommettew reati), il-prinċipju tal-legalità u l-proporzjonalità ta' reati u pieni kriminali (minħabba li d-definizzjonijiet tar-reati u l-iskala tal-pieni huma stipulati), id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat darbtejn (minħabba l-interazzjoni mas-sistemi amministrattivi tas-sanzjonijiet). Dawn l-interferenzi huma ġġustifikati għaliex jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni (ara l-paragrafu 1 tal-Artikolu 52 tal-Karta), u b'mod partikolari sabiex jipprovdu miżuri effettivi u deterrenti sabiex tiġi mħarsa l-euro u muniti oħrajn. Ġie żgurat bir-reqqa li dawn il-miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan u għalhekk huma proporzjonati. B'mod partikolari, is-salvagwardji espliċiti fl-istrument innifsu ġew stipulati u dawn jispeċifikaw id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, inklużi d-drittijiet tad-difiża, li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva mill-qrati nazzjonali. Il-pieni mitluba huma proporzjonati għar-reati kommessi.

3.3. L-għażla tal-istrumenti

Sabiex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali fuq il-bażi tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 83 tat-TFUE, l-istrument ix-xieraq hu direttiva.

3.4. Dispożizzjonijiet speċifiċi

L-Artikolu 1: Suġġett – din id-dispożizzjoni toffri deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tal-proposta.

L-Artikolu 2: Definizzjonijiet – din id-dispożizzjoni tistabbilixxi definizzjonijiet li japplikaw għall-istrument kollu.

L-Artikolu 3: Reati – din id-dispożizzjoni tiddefinixxi r-reati ewlenin li għandhom jiġu kriminalizzati mill-Istati Membri u tagħmilha ċara li ċerti ċirkostanzi tal-att tar-reat jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni.

L-Artikolu 4: Istigazzjoni, Għajnuna u Kompliċità, Tentattiv – din id-dispożizzjoni hija applikabbli għar-reati kollha msemmija hawn fuq u teħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw kull forma ta' preparazzjoni u parteċipazzjoni. Ir-responsabbiltà kriminali għal tentattiv hija inkluża għall-maġġoranza tar-reati.

L-Artikolu 5: Pieni – din id-dispożizzjoni hija applikabbli għar-reati kollha msemmija hawn fuq fl-Artikolu 3 u 4. Din teħtieġ li l-Istati Membri japplikaw pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal każijiet aktar serji ta' reati ta' produzzjoni u distribuzzjoni ta' flus foloz, din tistipula sanzjoni ta' priġunerija f'firxa ta' bejn sitt xhur u tmien snin għal persuni fiżiċi. L-ogħla limitu minimu ta' tmien snin huwa diġà previst fid-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/ĠAI għar-reat ta' produzzjoni.

L-Artikoli 6 u 7: Ir-responsabbiltà u t-tipi ta' sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi – dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli għar-reati kollha msemmija fl-Artikolu 3 u 4. Dawn jeħtieġu li l-Istati Membri jiżguraw ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, filwaqt li jeskludu li din ir-responsabbiltà hija alternattiva għal dik ta' persuni fiżiċi, u li japplikaw sanzjonijiet

effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq persuni ġuridiċi, u jagħtu idea ta' sanzjonijiet possibbli.

L-Artikolu 8: Il-ġurisdizzjoni – din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq il-prinċipji ta' territorjalità u personalità. Dan huwa applikabbli għar-reati kollha msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Dan jirrikjedi l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji li tippermettilhom jibdew investigazzjonijiet, imexxu prosekuzzjonijiet u jtellgħu l-qorti każijiet marbuta mal-iffalsifikar tal-flus. Hija tobbliga lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni universali dwar reati tal-iffalsifikar tal-euro taħt ċerti kundizzjonijiet. Fil-każ ta' proċeduri paralleli, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[27] tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċiżżju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali, tippromwovi kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti. Wara id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002, il-membru nazzjonali tal-Eurojust għandu jiġi infurmat b'kull każ fejn ikunu nqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu kunflitti ta' ġurisdizzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva jitlob li l-Istati Membri jikkonċentraw il-proċedimenti kriminali fi Stat Membru wieħed sakemm dan ma jkunx xieraq.

L-Artikolu 9: Għodod investigattivi – id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li l-għodod investigattivi li huma previsti fil-liġi nazzjonali għall-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' delitti serji jistgħu jintużaw ukoll f'każijiet ta' falsifikar ta' flus.

L-Artikolu 10: L-obbligu ta' trasmizzjoni ta' karti u muniti tal-euro foloz għall-analiżi u s-sejba ta' flus foloz – id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali u ċ-Ċentri għall-Analiżi tal-Munita Nazzjonali jista' janalizza wkoll flus foloz tal-euro waqt li jkunu għaddejin proċedimenti ġudizzjarji bl-iskop li jinstabu aktar flus foloz.

L-Artikolu 11: Relazzjoni mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra – id-dispożizzjoni titlob li l-Istati Membri jkunu partijiet kontraenti fi-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ġinevra tal-20 ta' April 1929.

L-Artikolu 12: Is-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI – din id-dispożizzjoni tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet attwali fil-qasam tal-iffalsifikar tal-munita fir-rigward tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw f'din id-Direttiva.

L-Artikolu 13: Traspożizzjoni – id-dispożizzjoni titlob li l-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. L-Istati Membri għandhom jibagħtu t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll id-dispożizzjonijiet futuri fil-qasam kopert b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni. L-Istati Membri mhumiex obbligati jittrasmettu dokumenti ta' spjegazzjoni, għaliex id-Direttiva fiha għadd limitat ta' obbligi legali u tikkonċerna qasam delimitat fil-livell nazzjonali.

L-Artikoli 14, 15 u 16 – jinkludu dispożizzjonijiet ulterjuri dwar ir-rappurtar mill-Kummissjoni u r-reviżjoni; id-dħul fis-seħħ u d-destinatarji

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

---

[27] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42.

2013/0023 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsultaw mal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[28],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Bħala l-munita unika kondiviża mill-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-euro saret fattur importanti fl-ekonomija tal-Unjoni u fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħha. Huwa fl-interess tal-Unjoni kollha li topponi u tmur wara kwalunkwe attività li x'aktarx tipperikola l-awtentiċità tal-euro minħabba l-falsifikazzjoni.

(2) Il-flus foloz għandhom effett konsiderevolment ħażin fuq is-soċjetà. Dawn huma ta' ħsara għaċ-ċittadini u n-negozji li mhumiex rimborżati għall-flus foloz anke jekk dawn ikunu waslulhom b'rieda tajba. Huwa ta' importanza fundamentali li jiġu żgurati l-fiduċja u l-kunfidenza fl-awtentiċità tal-karti u l-muniti għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

(3) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li miżuri tal-liġi kriminali effettivi u effiċjenti jipproteġu l-euro u kwalunkwe valuta oħra li ċ-ċirkolazzjoni tagħha hija legalment awtorizzata b'mod xieraq fl-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro[29] jobbliga l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro li jiżguraw sanzjonijiet kontra l-frodi u l-iffalsifikar tal-karti u l-muniti tal-euro.

(5) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001[30] u Nru 1339/2001[31] tat-28 ta' Ġunju 2001 jistabbilixxu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro, b'mod partikolari miżuri biex il-euros foloz jitneħħew miċ-ċirkolazzjoni.

---

28 ĠU C [ ] p.[ ] .
29 ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.
30 ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.
31 ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11.

(6) Il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin tal-Iffalsifikar tal-Munita iffirmata f'Ġinevra fl-20 ta' April 1929 u l-Protokoll tagħha ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra")[32] tistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ikkastigar tar-reat tal-iffalsifikar tal-flus. B'mod partikolari, din għandha l-għan li tiżgura li pieni kriminali iebsa u sanzjonijiet oħrajn jistgħu jiġu imposti għal reati ta' falsifikar tal-flus. Il-partijiet kontraenti kollha tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jridu japplikaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għal muniti oħra li mhumiex il-munita domestika tagħhom.

(7) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tissupplimenta id-disposizzjonijiet u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra mill-Istati Membri.

(8) Din id-Direttiva tibni fuq u taġġorna d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar inkonnessjoni mad-dħul tal-euro[33]. Din id-Direttiva tikkumplimenta d-Deċiżjoni Kwadru b'aktar dispożizzjonijiet fil-livell ta' pieni, għodod investigattivi u l-analiżi, l-identifikazzjoni u s-sejba ta' flus foloz matul il-proċedimenti ġudizzjarji. Id-Deċiżjoni Kwadru għandha tiġi sostitwita b'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

(9) Id-Direttiva għandha tipproteġi kwalunkwe karti tal-flus u muniti li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom hija legalment awtorizzata, irrispettivament minn jekk dawn ikunux tal-karta, tal-metall jew ta' kwalunkwe materjal ieħor.

(10) Il-protezzjoni tal-euro u muniti oħrajn teħtieġ definizzjoni komuni tar-reati marbuta mal-iffalsifikar tal-munita kif ukoll għal tipi ta' sanzjonijiet komuni kemm għall-persuni fiżiċi u kif ukoll dawk legali. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, din id-Direttiva għandha tipprevedi li l-istess reati jkunu kastigabbli bħal kif inhuma fil-Konvenzjoni. Għalhekk, il-produzzjoni ta' karti u muniti foloz u d-distribuzzjoni tagħhom għandu jkun reat kriminali. Ix-xogħol preparatorju importanti għal dawk ir-reati, pereżempju l-produzzjoni tal-istrumenti u l-komponenti għall-iffalsifikar, għandhom jiġu kkastigati b'mod indipendenti. L-għan komuni ta' dawk id-definizzjonijiet tar-reati għandu jkun li jaġixxi bħala deterrent għal kull immaniġġar ta' karti u muniti foloz, strumenti u għodod għall-iffalsifikar.

(11) L-użu ħażin ta' faċilitajiet jew materjali legali ta' stamperiji jew zekek awtorizzati għall-produzzjoni ta' karti u muniti mhux awtorizzati għal użu qarrieqi għandhom jitqiesu wkoll bħala ffalsifikar. Dan ikopri sitwazzjonijiet fejn bank ċentrali nazzjonali jew zekka jew industrija awtorizzata oħra tipproduċi ammont ta' karti jew muniti li jaqbeż il-kwota awtorizzata mill-Bank Ċentrali Ewropew. Dan ikopri wkoll sitwazzjonijiet fejn impjegat ta' stamperija jew zekka legali jabbuża mill-faċilitajiet għall-iskopijiet tiegħu stess. Dak l-aġir għandu jkun kastigabbli bħala reat ta' ffalsifikar anke jekk il-kwantitajiet awtorizzati ma jkunux inqabżu, għaliex il-flus foloz li jkunu ġew prodotti, ladarba jkunu daħlu fiċ-ċirkolazzjoni, ma jkunux jistgħu jintgħarfu minn karti u muniti awtorizzati.

(12) Karti tal-flus u muniti li l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali u z-zekek nazzjonali jkunu għadhom ma ħarġux formalment għandhom jkunu protetti wkoll minn din id-Direttiva. Għaldaqstant, pereżempju, il-muniti tal-euro b'naħat nazzjonali

---

32 No 2623, p. 372 il-Lega tan-Nazzjonijiet – is-Serje ta' Trattati tal-1931.

33 ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.

ġodda jew serje ġdida ta' karti tal-euro għandhom ikunu protetti qabel ma jiddaħħlu uffiċjalment fiċ-ċirkolazzjoni.

(13) Istigazzjoni, għajnuna u kompliċità, tentattiv biex jitwettqu r-reati prinċipali tal-iffalsifikar, inkluż l-użu ħażin ta' faċilitajiet jew materjal legali u inkluż l-iffalsifikar ta' karti u muniti li jkunu għadhom ma ħarġux iżda li jkunu maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, għandhom ukoll jiġu ppenalizzati fejn xieraq. Din id-Direttiva ma teħtieġx li l-Istati Membri jagħmlu kastigabbli tentattiv sabiex jitwettaq reat marbut ma' strument jew komponent għall-iffalsifikar.

(14) Is-sanzjonijiet għal reati ta' ffalsifikar għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi madwar l-Unjoni kollha.

(15) L-iffalsifikar tal-munita huwa tradizzjonalment reat soġġett għal livell għoli ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri. Dan huwa minħabba n-natura serja u l-impatt tar-reat fuq iċ-ċittadini u n-negozji u minħabba l-bżonn li tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fin-natura ġenwina tal-euro u ta' muniti oħra. Dan hu partikolarment minnu għall-euro, li hija l-munita unika ta' 330 miljun persuna fiż-żona tal-euro u li hija t-tieni l-aktar munita internazzjonali importanti.

(16) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ċerti tipi u livelli minimi ta' sanzjonijiet. Il-kunċett ta' pieni minimi huwa attwalment previst f'maġġoranza ta' Stati Membri. Huwa konsistenti u xieraq li dan l-approċċ jiġi adottat fil-livell tal-Unjoni.

(17) Il-livelli tas-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi u disswaživi iżda ma għandhomx imorru oltre dak li huwa proporzjonat għar-reati. Il-piena għal persuni fiżiċi f'każijiet serji, jiġifieri, għar-reati prinċipali tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' flus foloz li jinvolvi ammont kbir ta' karti u muniti foloz jew li jinvolvi ċirkostanzi partikolarment serji, għandha għalhekk tkun piena minima ta' mill-inqas sitt xhur u piena massima ta' mill-inqas tmien snin priġunerija.

(18) Il-piena minima ta' sitt xhur, tgħin biex tiżgura li r-reati tal-iffalsifikar tal-euro u muniti oħra jingħataw l-istess prijorità mill-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji u b'hekk tiffaċilita l-kooperazzjoni transkonfinali. Din tikkontribwixxi biex jitnaqqas ir-riskju tal-hekk imsejjaħ forum-shopping. Barra minn hekk, hija tippermetti li persuni kkundannati jkunu jistgħu jiġu ċeduti bl-għajnuna ta' Mandat ta' Arrest Ewropew sabiex tkun tista' tingħata sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

(19) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibiltà li jimponu żmien qasir ta' priġunerija jew li jevitaw il-priġunerija f'każijiet fejn il-valur nominali totali tal-karti u muniti ffalsifikati ma jkunx sinifikanti jew ma jkunx jinvolvi ċirkostanzi partikolarment serji. Dak il-valur għandu jkun inqas minn EUR 5 000, jiġifieri għaxar darbiet aktar mill-ogħla denominazzjoni tal-euro, għall-każijiet li jitolbu piena oħra għajr għall-priġunerija, u inqas minn EUR 10 000 għall-każijiet li jitolbu inqas minn sitt xhur priġunerija.

(20) Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-regoli u għall-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-applikazzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi skont iċ-ċirkustanzi konkreti ta' kull każ individwali.

(21) Billi l-fiduċja fin-natura ġenwina tal-karti u l-muniti tista' wkoll tiġi pperikolata jew mhedda bl-aġir ta' persuni ġuridiċi, il-persuni ġuridiċi għandhom ikunu responsabbli għar-reati kriminali mwettqa f'isimhom.

(22) Sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' ffalsifikar tal-munita, dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali

reati għandu jkollhom aċċess għall-għodod investigattivi użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu pereżempju, l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kunsiderazzjoni, fost oħrajn, tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati.

(23) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom b'koerenza mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u d-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-liġi kriminali, jiġifieri, għal reati kommessi fit-territorju tagħhom u għal reati mwettqa miċ-ċittadini tagħhom. Ir-rwol ewlieni tal-euro fl-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-theddida speċifika għall-euro bħala munita ta' importanza dinjija teħtieġ miżura oħra biex din tkun imħarsa. Għalhekk, kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jeżerċita l-ġurisdizzjoni universali, għal reati marbuta mal-euro mwettqa barra mill-Unjoni Ewropea, jekk min iwettaq ir-reat ikun fit-territorju tiegħu jew jekk f'dak l-Istat Membru jinstabu euros foloz marbuta mar-reat. Meta jkunu qegħdin jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni universali, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, b 'mod partikolari fir-rigward ta' kundanni minn pajjiż terz għall-istess aġir.

(24) L-iffalsifikar spiss jikkonċerna diversi Stati Membri fl-istess ħin, fejn pereżempju l-produzzjoni tkun qed titwettaq fi Stat Membru wieħed u d-distribuzzjoni f'ieħor jew f'oħrajn. B'konformità mal-mekkaniżmi stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċiżżju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali[34], l-Istati Membri għandhom f'każijiet transkonfinali bħal dawn jikkonċentraw il-proċedimenti kriminali inkluża l-prosekuzzjoni fi Stat Membru wieħed, sakemm dan ma jkunx xieraq. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fejn din il-konċentrazzjoni tista' tiffaċilita l-investigazzjoni bħal bi qbid ta' provi jew fejn tippermetti lill-Qorti tikkunsidra l-iskala sħiħa tar-reat f'kundanna waħda. Wara id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bl-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja[35], il-membru nazzjonali tal-Eurojust għandu jiġi infurmat b'kull każ fejn ikunu nqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

(25) Għall-euro, l-identifikazzjoni ta' karti u muniti foloz hija ċċentralizzata fuq Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali u, rispettivament, iċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi tal-Muniti li nħatru jew twaqqfu skont ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001. Għandu jkun possibbli wkoll li ssir analiżi, identifikazzjoni u sejba ta' karti u muniti foloz tal-euro waqt li jkunu għaddejjin il-proċedimenti ġudizzjarji sabiex dawn it-tipi ta' flus foloz jinżammu jew jitwaqqfu milli jibqgħu jiċċirkolaw, bir-rispett dovut tal-prinċipju ta' proċess ġust u effettiv. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jawtorizzaw it-trasmissjoni fiżika tal-flus foloz liċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi u ċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi tal-Muniti. F'ċerti ċirkostanzi, pereżempju fejn ikunu biss ftit karti u muniti foloz li jikkostitwixxu l-provi għall-proċedimenti kriminali jew fejn it-trasmissjoni fiżika tirriżulta f'riskju ta' qerda tal-provi bħall-marki tas-swaba', l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom minflok ikunu jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-aċċess għall-karti tal-flus u l-muniti.

---

34 ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42–47.

35 ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

(26) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod speċjali d-dritt għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett għal ħajja privata u tal-familja, il-libertà li wieħed jagħżel impjieg u d-dritt għax-xogħol, il-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni, kif ukoll il-projbizzjoni ta' ġudizzju jew piena doppja fi proċeduri kriminali għall-istess reat kriminali. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u prinċipji u trid tiġi implimentata kif meħtieġ.

(27) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri weħidhom, u għalhekk jista' minħabba raġunijiet ta' skala u effetti jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

(28) [F'konformità mal-Artikoli 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

U/JEW

(29) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokol, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

(30) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-iffalsifikar tal-euro u muniti oħra. Hija tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet komuni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra dawn ir-reati u biex l-investigazzjoni tagħhom tittejjeb.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "munita" tfisser karti tal-flus u muniti li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom hija legalment awtorizzata, inklużi karti tal-euro u muniti tal-euro li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 974/98;

(b) “persuna ġuridika” tfisser kull entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

(c) "Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Trażżin tal-Iffalsifikar tal-Munita, iffirmata f'Ġinevra fl-20 ta' April 1929 u l-Protokoll tagħha;

Artikolu 3

Reati

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-aġir li ġej, meta jsir intenzjonalment, ikun kastigabbli bħala reat kriminali:

   (a) kull fabrikazzjoni jew alterazzjoni frodulenti ta' munita, ikun x'ikun il-mezz li jintuża;

   (b) it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni b'mod frodulenti ta' munita falza;

   (c) l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasport, li tirċievi jew tikseb munita falza bl-iskop li titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u bl-għarfien tal-falsità tagħha;

   (d) li b'mod frodulenti tagħmel, tirċievi, tikseb jew ikollok

      (i) strumenti, artikoli, programmi tal-kompjuter u mezzi oħrajn addattati b'mod speċjali għall-iffalsifikar jew l-alterazzjoni tal-munita; jew

      (ii) ologrammi jew biċċiet oħrajn tal-munita li għandhom l-iskop li jipproteġu mill-iffalsifikar.

2. L-aġir imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi aġir fir-rigward tal-karti jew muniti li qed jiġu mmanifatturati jew li ġew immanifatturati bl-użu ta' faċilitajiet jew materjali legali bi ksur tad-drittijiet jew li l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu flus jew muniti.

3. L-aġir imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi aġir marbut ma’ karti u muniti li għadhom ma ħarġux, iżda huma maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u huma ta' munita legali.

Artikolu 4

Istigazzjoni, għajnuna u kompliċità, u tentattiv

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-istigazzjoni jew l-għajnuna u l-kompliċità fir-rigward ta' reat imsemmi fl-Artikolu 3 ikun kastigabbli bħala reat kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li xi tentattiv biex jitwettaq reat imsemmi fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 3 (1) huwa kastigabbli bħala reat kriminali.

Artikolu 5

Pieni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-aġir imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jkun kastigabbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi multi u priġunerija.

2. Għar-reati msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) li jinvolvu karti u muniti ta' valur nominali totali ta' inqas minn EUR 5 000 u li ma jinvolvux ċirkustanzi partikolarment serji, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu multa minflok priġunerija.

3. L-offiżi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) li jinvolvu karti u muniti ta' valur nominali totali ta' mill-inqas EUR 5 000 għandhom ikunu kastigabbli bi priġunerija b'piena massima ta' mill-inqas tmien snin.

4. L-offiżi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) li jinvolvu karti u muniti ta' valur nominali totali ta' mill-inqas EUR 10 000 jew li jinvolvu ċirkustanzi partikolarment serji għandhom ikunu kastigabbli b'

   (a) piena minima ta' mill-inqas sitt xhur priġunerija;

   (b) piena massima ta' mill-inqas tmien snin priġunerija.

Artikolu 6

Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikolu 3 u 4 li jkunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li jew taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, ibbażata fuq:

   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika; jew

   (b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tkun tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex teskludi proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi, instigaturi jew aċċessorji fir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Artikolu 7

It-tipi ta' sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tkun meqjusa responsabbli skont Artikolu 6 tiġi soġġetta għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u li jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew l-għajnuna pubblika;

(b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

(c) it-tqegħid taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(d) l-ordni ta' stralċ ġudizzjarju;

(e) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li ntużaw biex isir ir-reat.

Artikolu 8

Ġurisdizzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 fejn:

   (a) ir-reat jitwettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tiegħu;

   (b) l-awtur tar-reat huwa wieħed miċ-ċittadini tiegħu;

2. Kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 mwettqa barra l-Unjoni Ewropea, almenu meta dawn ikunu marbuta mal-euro u fejn

   (a) l-awtur tar-reat jinsab fit-territorju tal-Istat Membru; jew

   (b) instabu karti u muniti foloz tal-euro marbuta mar-reat fl-Istat Membru.

   Għall-finijiet tal-prosekuzzjoni għal kwalunkwe reat, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ġurisdizzjoni tiegħu ma tkunx subordinata għall-kundizzjoni li l-atti huma reat kriminali fil-post fejn ikunu twettqu.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonċentraw il-proċedimenti kriminali fi Stat Membru wieħed, sakemm dan ma jkunx xieraq.

Artikol 9

Ghodod investigattivi

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 4.

Artikolu 10

L-obbligu tat-trasmissjoni ta' karti u muniti foloz tal-euro għall-analiżi u s-sejba ta' flus foloz

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jippermettu l-eżaminazzjoni ta' karti u muniti tal-euro ssuspettati li huma foloz għall-analiżi, l-identifikazzjoni u s-sejba ta' aktar flus foloz. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jibagħtu l-kampjuni meħtieġa ta' kull tip ta' karti tal-flus issusspettati li huma foloz liċ-Ċentru Nazzjonali għall-Analiżi u kull tip ta' munità ssuspettata li hija falza liċ-Ċentru Nazzjonali tal-Analiżi tal-Muniti mingħajr dewmien.

2. Jekk il-kampjuni neċessarji ta' karti u muniti ssusspettati li huma foloz ma jistgħux jiġu trasmessa għaliex ikun meħtieġ li dawn jinżammu bħala evidenza fi proċedimenti kriminali sabiex jiggarantixxu proċess ġust u effettiv u d-dritt għal difiża tal-awtur issuspettat, iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Analiżi u ċ-Ċentru għall-Analiżi Nazzjonali tal-Muniti għandu jingħata aċċess għalihom mingħajr dewmien.

Artikolu 11

Ir-rabta mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra

L-Istati Membri għandhom jidħlu jagħmlu parti jew jibqgħu parti mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

Artikolu 12

Is-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI hija b'dan sostitwita b'rabta mal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru fil-liġi nazzjonali.

Fir-rigward tal-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/ĠAI għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 13

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, jeħtieġ li jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew li jkunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 14

Ir-rappurtar tal-Kummisjoni u r-reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa [5 snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha], tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*ll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 16

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*